## KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tlettax (13)

## It-Tlieta, 5 ta' Mejju 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur żamm din il-laqgħa permezz ta' Conference Call fid-dawl tal-Coronavirus u Social Distancing, fl-4:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**13.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm ħadd assenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**13.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tat-tnax (12) il-laqgħa tat-2 ta' April, 2020 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Eucharist Camilleri u Jean Paul Portelli.

**13.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja. Is-Segretarju Eżekuttiv bgħatet kollox lil Bord tal-Co-financing u qed nistennew risposta rigward meta u kemm ser nieħdu fondi fuq il-proġett tar-Rural Roads. Rigward il-Variations fuq ir-Rural Roads, qed isegwi l-każ is-Sindku flimkien ma' Sindki oħrajn ta' Għawdex u qed jistenna risposta mingħand MGOZ hux ser ikun hem xi tip ta' għajnuna fuq dawn il-varjazzjonijiet tat-toroq rurali.

Il-Kunsill qed jistenna li ndaħħlu €4,000 tal-Halloween, €2,000 mis-Central Bank, €15,000 tal-Karnival mingħand MGOZ, u €11,000 minn skema DLG tal-Karnival. Issa li daħħlu l-kontijiet tal-Karnival ser nibdew niġbru d-dokumenti sabiex isiru l-claims għal sponsors tal-Karnival. Is-Sindku innota li rigward l-isponsor ta' GSD (€1,500 tal-Karnival) din is-sena mhux ser inkunu qed noħduhom minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 li poġġiet lill-Kumpanija f'diffikulta'. Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk il-kuntratt ma' GSD hux dak ta' sena sena u s-Sindku ikkonferma. Kien hemm qbil fuq dan peress li dejjem sibna l-appoġġ tagħhom għal snin twal.

Is-Sindku nnota li l-Quarterly Report Jan-Mar 2020 ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa ta' Gunju 2020 mill-Accountant. Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda.

Il-Viċi Sindku għamel rimarka rigward l-offerta tas-Sound System tal-Karnival li l-iscaffolding għandu jew ikun imdaħħal ma' l-offerta jew inkella niġbru kwotazzjoni għaliha waħeda. Is-Sindku rrimarka li jkun aħjar niġbru kwotazzjonijiet għalihom. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Viċi Sindku faħħar il-mod kif qed jopera l-Kunsill u l-informazzjoni li qed jgħaddi s-Sindku lil Kunsilliera ta' kuljum.

**13.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

13.4.1 ***Aperturi tal-Uffiċċju tal-Kunsill*** – Dawn bdew u dalwaqt ikunu lesti grazzi għall-ħidma ta' Ivan Xuereb.

13.4.2 ***Qtugħ ta' ħaxix*** – Dan sar f'diversi inħawi madwar in-Nadur u saru anke clean ups minn Chris Paul Cardona, Mario Cardona u Joseph Cauchi. Saru dawn l-areas:-

Joseph Cauchi – Triq Piju Cellini, Triq Lazzru Pisani,Triq Sciortino, Sqaq fi Triq ta' Said, l-area ta' Grunju Kollha, Triq il-Qortin, Triq Ħida, Triq tal-Ħali, Triq il-Knisja, Triq it-Tramuntana, Triq ta' Said, Triq Xandriku, Triq tad-Duru, Trejqet ta' Majza, Triq il-Plier, Triq tax-Xini, Triq iz-Zernieq, Triq San Koronatu, Triq San Guzepp, il- passaġġ ta' quddiem l-iskola sa Triq Wied Bingemma, Triq il-Kappillan, Triq Cicciano, Pjazza 28 April. Dan apparti l-areas li għandu fil-kuntratt tiegħu tax-Xagħri u Kenuna.

Chris Paul Cardona u Mario Cardona – Toroq kollha tal-Area ta' Xurdin inkluz li jeħduk fil-widien, sigar kollha ta' Xurdin u l-Ġonna tal-Madwar, Triq Daħlet Qorrot, Triq San Blas li tmur għal Bajja, Triq l-Irdum, Konok mas-sigar kollha ta l-area ta' Xurdin. Dan apparti l-area kollha tal-kuntratt ta' San Blas u Side Streets li huma ta' Chris Paul Cardona.

13.4.3 ***Indafa u Stock taking fl-uffiċċju tal-Kunsill*** – Il-Ħaddiema ta' l-iskema CWS – Silvana Ellul - għamlet stock take tal-materjal li hemm fl-uffiċċji kollha u organizzat l-uffiċċji. Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-albums li għandna fil-Kunsill u s-Sindku infurmah li ser isir stock take taghhom ukoll u anke ser niżviluppaw aktar ritratti.

13.4.4 ***Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv*** – Sar maintenance u anke inxtara desk ġdid u ġiet installata printer ġdida li kienet ordnata għal uffiċċju tas-Sindku, u ser tintrema dik li hemm fl-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv peress li ilha fil-Kunsill snin twal u mhux taħdem. Issa ser tinxtara oħra għal-uffiċċju tas-Sindku. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

13.4.5 ***Knis tat-Toroq*** – Is-Sindku innota li qed isir knis minn tlett ħaddiema tal-CWS kif ġej:- Anthony Mercieca fuq l-area taċ-Ċentru tar-raħal u xogħol ta' maintenance u tisqija. Matthew Farrugia fuq l-areas kollha tan-Nadur darba fil-gimgħa u Sammy Parnis fuq il-ġonna u playing fields u toroq oħra. Joseph Vella rrimarka li x-xogħol jidher u ta' min ifaħħru kif qed isir.

13.4.6 ***Żviluppi wara Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex:***

a. Triq l-Mgarr – F'din it-triq inbeda x-xogħol minn naħa tal-MGOZ u jidher li issa ser jitwaqqa ħdejn il-kiosk u biċċa mill-grawnd, sabiex jinbnew mill-ġdid u jitħalla l-vojt biex imbagħad isiru permessi meħtiega u jinbnew faċilitajiet aktar il-quddiem.

b. Triq ta' Kenuna u Triq il-Madonna ta' Fatima – Triq il-Madonna ta' Fatima fadal biss li jsiru r-railings u ċ-ċint. Rigward Triq ta' Kenuna għadhom qed jistennew il-permessi meħtiega biex jibdew ix-xogħolijiet.

c. Triq it-Tigrija u Triq il-Qala – Rigward dawn it-toroq saret talba formali fuqhom permezz ta' ittra lil MGOZ.

d. Triq ta' Daħlet Qorrot – Il-Kunsill qed jistenna l-istima mingħand il-Perit.

e. Il- BOQs tat-toroq residenzjali fin-Nadur – Dawn qed isiru mill-perit tal-Kunsill.

f. Ħaddiema fis-Siti ta' Attrazzjoni fin-Nadur - Il-Kunsillier Joseph Vella ser jsegwi din.

g. Railings li jinsabu fi Triq ir-Rabat– Rigward dawn saret talba formali lil MGOZ.

h. Latrina fil-Bajja ta' San Blas – Is-Sindku talab lil perit tal-Kunsill biex jagħmel pjanta u qed nistennew mingħand il-Perit.

i. Child Care Centre u Dar ta' l-Anzjani – Din għalissa pending minhabba l-COVID-19.

13.4.7 ***Bandiera tal-Pjazza San Pietru u San Pawl*** – Din inxtrat u bdiet tintuża.

13.4.8 ***Bdil ta' ismijiet ta' toroq tal-Qaddisin San Gorg Preċa u San Pawlu VI*** – Wara diskussjoni twila dwar it-tajjeb u l-problemi li nistgħu naffaċjaw, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma' jagħmel xejn fuq din, speċjalment fid-dawl tal-fatt li r-residenti ikollhom jibdlu l-affarijiet kollha għal l-indirizz il-ġdid.

13.4.9 ***Barriers*** – Il-Kunsill ordna 5 barriers li ser ikunu tagħna u ġew irrangati tnejn oħra li kellna diġa u kienu mkissra. B'hekk ser ikollna 10 barriers b'kollox.

13.4.10 ***Bozza Triq ir-Rabat*** – Din ġiet approvata minn naħa tal-Enemalta.

13.4.11 ***Bozza Triq Andar*** - Din ġiet approvata minn naħa tal-Enemalta pero irridu naraw xi spejjeż tinkludi.

13.4.12 ***Bins Ġodda*** - Twaħħlu bins ġodda ta' Xurdin u Triq il-Madonna ta' Fatima.

13.4.13 ***Pendenti*** - Street paint fi Triq it-Tigrija; u ħofra fi Triq ir-Rabat kantuniera ma Triq Duru.

13.4.14 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Talba għal linji sofor fi Triq Grunju intbgħatet lil TM u ma ġietx milquha minnhom.
- Bankina fi Triq David Cocco Palmeri qed nistennew il-madum ta' l-għazla tiegħu mingħand ir-resident u nagħmluha.
- Il-ħaxix ta' Triq Grunju inqatta'.
- Il-Patching ta' Wied Grejgel lest ukoll.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx; Ħitan fi Triq Daħlet Qorrot; u Ċint biex inżiedu xi ġebel.

13.4.15 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella***:

- Il-cover tal-bozza fi Triq San Gwann lesta.
- Bozza fi Triq Knisja - Dan inbeda l-process fuqha.
- It-tabella tarmix zibel hawn twaħħlet ukoll.

- Rigward ic-CCTV ta' quddiem skola qed naħdmu ma' Green Pak biex taħdem.

13.4.16 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri***:

- Il-Ħamien tal-funtana ta' Triq Xandriku lesti.
- Pendenti: Maintenance fit-Torri ta' Sopu baqa' it-tikħil fuq barra pero dan irridu nkellmu lil LDAĦ.

13.4.17 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Id-Disabled Parking fi Triq Grunju lest u tħarrek**.**
- Fi Triq Wied Bingema it-totem trangat, il-ħitan issewwew u l-weraq u ħaxix ingabru.
- Il-Ħaxix ta' Triq Ħida inqata ukoll
- Rigward is-sistema tal-Panelli qed nistennew risposta mingħand l-Inġinier u l-Enemalta. Eucharist Camilleri talab li nibgħatu ittra lir-residenti dwar dan u kien hemm qbil.
- Pendenti: Sement fi Triq ir-Rabat, Patch fi Triq il-Knisja, u bini ta' Ħajt f'Daħlet Qorrot.

13.4.18 ***Żviluppi dwar dwar is-sadid li hemm fil-Gym Equipment fil-Belvedere DC Cocco Palmeri* –** Is-Sindku informa lil Kunsilliera li l-Perit tal-Kunsill bgħat lura lil Kuntratur Opal Ltd li huma iridu jagħmlu ix-xogħol u mhux il-Kunsill minhabba l-garanzija. Dawn qablu u xorta talbu li nħallsu l-flus li fadal għax qed jgħidu li dawk il-flus pendenti huma tas-safety mats u mhux tal-gym. Dan ma hux minnhu peress li din l-offerta kienet tinkludi kemm gym equipment u kif ukoll safety mats. Sa issa l-Kunsill għadu ma ħallasx l-ammont pendenti ta' xi €3,000 minħabba din l-issue tas-sadid wara biss sena li gew installati. Il-Perit talabna nieħdu parir legali dwar dan u qalilna li idealment il-flus li fadal ikunu garanzija biex isir ix-xogħol pero hu mhux avukat. Kien hemm qbil li l-pass li jmiss ikun li nieħdu parir legali. Is-segretarja ser tagħmel kuntatt mal-avukat.

13.4.19 ***Dog Park fil-Qortin ta' Isopu*** – Il-Kunsillier Jean Paul Portelli pprovda żviluppi dwar l-istat li jinsab dan il-park - proġett kien tal-MGOZ. Hu qal li mar flimkien mal-Kunsillier Josef Camilleri u sabu telqa kbira fil-park. Fost l-affarijiet li sabu kienu li ma kienx hemm dog bins, ma

kienx hemm bins normali, l-entratura tal-park ma hiex aċċessibli minħabba li l-art imħarbta, ma hemmx fence u l-anqas xi tip ta' funtana fejn jixorbu l-annimali. Rigward l-apparat tal-klieb dan miksur u baqa hemm ma l-art u l-anqas bankijiet ma hemm fuq il-post għan nies li jkunu mal-klieb. Kien hemm qbil li tinbgħat ittra lil MGOZ fuq dan kollu.

***Rimarka mill-Viċi-Sindku*** – hawnhekk Eucharist Camilleri rrimarka li grazzi għall-ħidma tas-Sindku u ħaddiema tal-Kunsill, qed issir dawra man-Nadur li ilha snin twal ma ssir, u li qed tħalli l-frott tagħha.

## 13.5. Korrispondenza

| | |
|---|---|
| 6583 | Ittra minghand TM rigward permessi tal-Krejnijiet |
| 6584 | Cir AKL 2020/029 - Proġett għall-Anzjani fuq il-Pjattaforma Yousafe |
| 6585 | Cir AKL 2020/030 - Informazzjoni dwar il-COVID 19 b' lingwi differenti - UNHCR b' kollaborazzjoni mal-YouSafe |
| 6586 | Cir AKL 2020/031 - Ħaddiema mal-Kuntratturi ta' ġbir ta' skart u ndafa pubblika li ġejjin miċ-Ċentru Miftuħ ta' Ħal-Far |
| 6587 | Cir AKL 2020/032 Tnedija tal-ewwel sejħa - Proġett EUCF Webinar għada 7 t' April |
| 6588 | Cir AKL 2020/028 - Ħlas ta' kirjiet dovuti lill-Awtorita' tad-Djar u lill-Awtorita' tal-Artijiet |
| 6589 | SPI.2.2020.Ċertifikazzjoni għal Cat Feeders b'Rabta mal-COVID-19 |
| 6590 | Cir AKL 2020/033 - ALDATalk#5 on Intercultural Dialogue - Register now! |
| 6591 | Cir AKL 2020/034 Invitation - Meeting with members (Greece/Portugal/Spain/Malta) - COVID-19 Crisis Management |
| 6592 | Cir AKL 2020/035 EPOS Machines |
| 6593 | RE: Cir AKL 2020/032 Tnedija tal-ewwel sejħa - Proġett EUCF Webinar għada 7 t' April |
| 6594 | Cir AKL 2020/024 LIFE Calls for proposals 2020 |

| | |
|---|---|
| 6595 | Cir AKL 2020/036 Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 31 |
| 6596 | Cir AKL 2020/037 BOV- Depożitu ta' muniti mill-Kunsilli Lokali |
| 6597 | Cir AKL 2020/038 Lista ta' NGOs/VOs fil-lokalitajiet |
| 6598 | evento d arte- Cicciano |
| 6599 | RE: Cir AKL 2020/037 BOV- Depożitu ta' muniti mill-Kunsilli Lokali |
| 6600 | Cir AKL 2020/039 Binjiet mixgħula ħomor - Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm - 14 ta' Ġunju - ***Kien hemm suġġeriment mingħand il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri sabiex jinxtgħel it-Torri Ta' Kenuna bil-Kuluri ta' Imnarja. Kien hemm qbil fuq dan u ser naraw x'jista' jiġri.*** |
| 6601 | Ittra minghand ANSEK rigward il-progett You Safe |
| 6602 | Cir AKL 2020/040 - Stqarrija - Radam ta' skart ta' Kostruzzjoni 27/04/2020 |
| 6603 | - Cir AKL 2020/041 Courses 2020/2021 - Fakulta' għat-Tisħiħ tas-Soċjeta' |
| 6604 | Directive 13.1-Covid 19 |
| 6605 | Cir AKL 2020/043 Covid 19 u l-Attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA – ***Rigward il-kors tal-fitness dawn gew estizi sa' Mejju 2021.*** |
| 6606 | Cir AKL 2020/042 - COVID-19 Awareness Campaign - Commission for Gender Based Violence and Domestic Violence |
| 6607 | Cir AKL 2020/044 - Applikazzjoni għall-Internet Banking - BOV |
| 6608 | Cir AKL 2020/045 Covid 19 - Rilaxx ta' Miżuri |

***Rimarki mis-Sindku:*** Is-Sindku irrimarka li fil-15 ta' Mejju hemm il-Laqgħa tar-Regjun u anke li dwar il-Kerbside Truck dan ser jiġi tlett darbiet f'Mejju - 10 ta' Mejju dan ser ikun ħdejn iċ-Ċentru parrokkjali, fl-24 f'San Blas u fit-28 tal-Ħali. Kien hemm qbil li nikkunsidraw l-area ta' Grunju u Duru.

### 13.6 Inizzjattivi u Żviluppi rigward Covid-19

13.6.1. Is-Sindku innota fl-uffiċċju tal-Kunsill ma hu jidħol ħadd ġew għal gid tal-ħaddiema.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

13.6.2. Il-Ħaddiema fuq barra baqgħu għaddejjin pero ma jiltaqgħux ma' nies.

13.6.3. Yousafe Nadur – din qed tintuza b'informazzjoni rigward il-Covid-19 u bhalissa qed jitpoggew l-pitturi tat-tfal.

13.6.4. Inizzjattiva tal-Artwork tat-Tfal – Din kienet ta' suċċess enormi. Is-Sindku ħadem l-idea ma' l-artist Victor Agius, imbagħad ktibniha ma' Linda Attard, u wara Paul Portelli ħadem fuq link mal-website għal uploads. Sa issa daħħlu madwar 75 artwork meta t-target kienet madwar 50. L-iskola għenuna billi avzaw lil l-istudenti. Owen Bugeja ha over l-uploads fuq facebook kollha tal-individwi u dan ta' update fuq dan kollu. Il-pass li jmiss issa hu li wara deadline issir billboard fl-area Ta' Xhajma. Ġie deċiz bejn il-Kunsilliera li għandu jintuza l-kliem 'Kuraġġ Nadur'.

13.6.5. Inizzjattiva Anzjani tad-Day Centre Nadur - Kien hem qbil li jitqassmu pjanti mingħand il-co-ordinator tad-Day Centre Lina Mifud u jinxtraw mingħand l-għaqda tal-Armar Triq Diċembru 13$^{th}$ għal Jum l-Omm.

13.6.6. Il-Kunsillier Joseph Vella issuġġerixxa li titqassam maskla waħda disposable lil kull residenza ġewwa n-Nadur. Wara diskussjoni ma kienx hem qbil fuq din minħabba li waħda mhux bizzejjed għal kull familja u riskji oħra.

13.6.7. Ideat għal Mnarja 2020- Id-diskussjoni ħadet fit-tul fejn kull kunsillier ħareġ bl-ideat tiegħu u ġew diskussi. Kien hem qbil li jsiru videos bir-ritratti ta' diversi attivitajiet u jagħmilhom Darren Cassar, u li naħsbu għal banner għal ta' Xħajma.

**13.7. Offerti Pubbliċi.**

L-offerta ta' Gnien il-Kunsill u Latrina Pubblika, kif ukoll tas-servizzi tal-Perit ser jinfetħu għada.

**13.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**13.8.1 Attivita' librerija:** Din l-attivita' qed tiġi posposta.

**13.8.2 Ħbiberija ma' Ħad Dingli:** Din l-attivita' qed tiġi posposta.

**13.8.3 Charter tal-Librerija:** Din ser tiġi kanċellata għal 2020 u ser ninfurmaw lil ta' Tisno bid-deċiżjoni.

**13.8.4 Charter, Gemellaggi u Safar:** Ic-Charter tħassar kollox għas-sena 2020. Rigward is-safra li kellna f'Cicciano, is-Sindku issuġġerixxa li nqabbdu espert minn aġenzija sabiex isegwi il-flights hu u anke jagħmel il-claims għal refunds. Kien hemm qbil unanimu li nqabdu lil Charles Xuereb.

**13.8.5. Wine Festival:** Din l-attivita' ser tiġi kkanċellata minn naħa tad-Delicata Winery minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19. Ser nħabbru aktar il-quddiem.

**13.8.6. Għar Mixta:** Wara diskussjoni fit-tul bejn il-Kunsilliera, ma kienx hemm qbil fuq l-ittra oriġinali li kien ħejja s-Sindku. Jean Paul Portelli saħaq li hu qed jaħsel idejh u ma iridx ikollu x'jaqsam mal-każ peress li ma jixtieqx li tittieħed xi art mingħand min qed jgħid li hi tiegħu bħalissa. Joseph Vella lanqas xtaq li nitolbu lil MGOZ sabiex jieħu lura d-dritt fuq l-għar. Għaldaqstant minflok ittieħed vot, is-Sindku sab kompromess u ssuġġerixxa li nibgħatu ittra lil MGOZ biex jgħatina linji gwida fuq l-għar, dwar min hu l-proprjetarju u anke dwar kif ser nirrispondu lil pubbliku inġenerali li qed jagħmel ħafna mistoqsijiet lil Kunsill Lokali. Kien hemm qbil fuq dan mill-Kunsilliera.

**13.9 Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**13.9.1 Urban Greening -** Dan il-proġett huwa lest u fadal biss jitħawwlu xi pjanti li huma out of stock. Saru site visit minn espert u rapport li intbgħat lil Kuntrattur għal feedback qabel jiġi ċertifikat ix-xogħol. Il-ħlas isir wara li x-xogħol ikun ċertifikat.

**13.9.2 Live Streaming** - Is-Sistema hija lesta pero fadal nistennew il-URL mingħand IT.

**13.9.3 Triq ir-Ramla l-Qadima** - Għadu jrid jiġi iffirmat il-Kuntratt u daqt ikun hemm site visit mal-WSC flimkien mal-Perit tal-Kunsill, Segretarja, is-Sindku u l-Kuntrattur rigward l-LA.

**13.9.4 Triq Daħlet Qorrot –** Waqa' ħajt u qed ċċedi t-Triq u bħala kunsill tlabna l-għajnuna tal-MGOZ jintervjeni u dan ser jaħtar Perit.

**13.9.5 Maintenance tad-Dawl:**

- **Ta' Kenuna –** Hawn sar xogħol kbir minn D Illumination kemm fl-ilma u kif ukoll fid-dawl kollu.
- **Ġnien il-Kunsill** – Sar xogħol fuq il-main tad-dawl u issa qed isir xogħol fuq il-globi u l-monument.
- **Ġnien u Playing Field San Blas** – Ser isir xogħol fuq wiring u main.
- **Pjazza San Pietru u San Pawl** – Sar xogħol ta' maintenance fuq xi brazzi u fadal xi jsir fil-Pjazza 28 t'April 1688.
- **Playing Field tal-Ħali** – Qedin nigbru kwotazzjoni biex issir kaxxa ġdida u ikollna supply tad-dawl.

**13.9.6 Maintenance Ġenerali –** Kompla għaddej il-maintenance fil-Pjazza San Pietru u San Pawl u tal-bankijiet madwar ir-raħal. Saret ukoll maintenance tal-gazebo ta' San Blas. Il-quddiem se nduru l-gazebos ta' Ġnien il-Kunsill u anke railings tal-Playing field ta' San Blas u l-bankijiet tal-Pjazza Dun Martin Camilleri.

**13.9.7 Bankijiet ta' Xurdin** – Dawn il-bankijiet huma lesti u ġew sew ħafna.

**13.9.8 Skemi MGOZ Restawr** - Il-Kunsill applika għal monument tal-FECC.

**13.9.9 Żebgħa tar-Railings fil-Ġnien il-Kunsill** – Is-Sindku innota li l-ebda għaqda ma uriet interess. Il-Kunsill ser iġib prezzijiet mingħand persuna li taf tagħmel dan ix-xogħol.

**13.9.10 Cameras fi Ġnien il-Kunsill** – Dawn il-cameras spiċċaw u qed nistennew proposta mingħand il-Kumpanija G4S.

**13.9.11 Sistema ta' tisqija -** Issa hemm sistema ta' tisqija fejn il-pjanti l-ġodda li tħawwlu minn l-iskema *Urban Greening* ser jissaqqew darbtejn fil-gimgħa (it-Tlieta u l-Gimgħa), l-Planters kollha nhar ta' Ħamis, u l-areas kollha l-oħra darba matul il-gimgħa. Ta' Kenuna issa għandna sistema li nsaqqu mil-Pond u nimlew il-pond ħalli tibqa' nadifa.

**13.9.12 Website** – Kien hemm qbil li ngħaddu l-Website fir-responsabilta ta' Paul Portelli biex jibda jieħu ħsiebu hu peress li Andrew Camilleri ma jistax jibqa jieħu ħsieb.

**13.9.13 Bankina fil-Pjazzetta -** Sar xogħol biex tranga l-madum il-miksur.

**13.9.14 Bini ta' ħajt fi Triq Bingemma (Community Centre**) - Fuq parir legali l-Kunsill bilfors irid itella ħajt ta' sebgħa filati għax inkella jkun hemm ksur tal-liġi. Triq isir ukoll bankina għal mat-triq. Kien hem qbil li tintbgħat ittra lil min qed juża l-plot biex ineħħi l-materjal u l-Perit jagħmel il-linja u jinbena l-ħajt u l-bankina.

**13.09.15 Pendenti**: Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Railing tal-Monument tal-FECC; Fossa ta' Ġnien il-Kunsill; Bus shelter fi Pjazza San Pietru u San Pawl.

**13.10 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**13.10.1 Rikjesti mis-Sindku:**

- Talba għal patching fi Triq il-Madonna ta' Fatima u Patching fi Triq Wied ir-Rihan – kien hemm qbil fuq dan u anke dwar l-ittra biex tintbghat lir-residenti.
- Trinka fi Triq il-Qortin biex tkun tista' tgħaddi pipe tal-ilma minhabba problema tal-ilma – kien hemm qbil fuq dan.
- Aktar ħamrija fi Ġnien l-Indipendenza – kien hemm qbil fuq dan.

- Bzonn li jizdied it-trab fil-partita ta’ San Blas – kien hemm qbil fuq dan.
- Talba biex titkompla bis-sement Triq tax-Xini – din ma hiex se issir ghalissa.
- Talba għal-sement fi Triq ta’ Kenuna ħdejn l-arblu – kien hemm qbil fuq dan.
- Talba għal-sement ma rampa fi Triq taz-Zrajk – kien hemm qbil fuq dan.
- Talba għal 8 kantuni u ftit sement fi Triq il-Qortin – kien hemm qbil fuq dan.
- Talba biex titranga rampa fi Triq Vjal l-Mnarja – kien hemm qbil fuq dan.
- Talba biex titranga bankina fi Triq il-Madonna ta’ Lourdes – kien hemm qbil fuq dan.
- Bzonn ta’ sement fuq ħajt tas-sejjieħ fi Triq San Blas – kien hemm qbil fuq dan.
- Bzonn li jitranga il-madum fi Sqaq fi Triq San Blas – kien hemm qbil fuq dan.
- Talba għal yellow lines faċċata garaxx fi Triq Fatima – se nitolbu lil TM.
- Żewg bolavostri fil-Belvedere fi Triq ir-Rabat – Jean Paul Portelli se jara isibx.

**13.10.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

- Talba għal yellow lines fi Triq ir-Ramla – irridu naraw x’iridu ezatt qabel immexxu.
- Bankina ġdida fi Triq Ħida, din it-talba ser isir lil gvern peress li ġdida.
- Talba għal patching bis-sement fl-area tal-ġebel l-aħmar – kien hemm qbil fuq dan.
- Ħajt biex jitranga qabel tidħol l-għar tal-Mixta – dan ma hux ser isir għalissa.
- Restorazzjoni tal-Madonna li tinstab fi Triq it-Tramuntana – din ser issir.

**13.10.3 Rikjesti mill-Kunsillier Joseph Vella:**

- Talba biex terga teħel il-bozza li tneħħiet minħabba bini ġdid fi Triq Xandriku. Is-Segretarja innotat li hemm kuntratt u malli bini ikun lest terga teħel.
- Talba biex ikun hemm għajnuna fl-arblu li hemm fid-daħla tan-Nadur. Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħin biex jinzel u jitla l-arblu.
- Talba għal disabled parking fi Triq San Blas. Il-Kunsill qed jara fuq post alternattiv.
- Talba għal rampa ta’ l-injam fil-bajja ta’ San Blas. Il-Kunsill ser jagħmel talba lil gvern fuq din.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**13.10.4 Rikjesti mill-Kunsillier Jean Paul Portelli**:

- Talba biex isir sement patching fi Triq DC Cocco Palmeri peress li tarmak qed jinqala – kien hemm qbil fuq dan.

**13.10.5 Rikjesti mill-Kunsillier Josef Camilleri:**

- Sement fi Sqaq fi Triq tad-Duru – dan irridu naraw ezatt x'hemm bzonn u nistennew li jsir xoghol tal-bini l-ewwel.

**13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:10p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 2 ta' Gunju, 2020 fl-4:00pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva